MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1033/2008

**Oreste Spiteri, Salvina Agius f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' Ġuża Mc Carthy, Frances Micallef, Mary Rose Cassar, Josephine Pulis, John Farrugia, Frances Amaira, Joe Asciak, Carmen Fenech, Natalino Spiteri, Paul Spiteri, Marianne Fenech, Frances Spiteri, George Spiteri u Marija Curmi.**

**-vs-**

**Albert Degiorgio.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' Ottubru, 2008 li permezz tiegħu r-rikorrenti esponew bir-rispett:

1. Illi l-intimat jikri mingħand l-istanti l-appartamenti numru wieħed (1) u tnejn (2) fil-fond erbgħa

u sebgħin (74) fi Triq il-Merkanti, Valletta versu l-kera ta' tmien Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€8.15) għal kull jum pagabbli kull xahar bil-quddiem;

2. Illi l-konvenut baqa' moruż fil-ħlas tal-kera għal ħames skadenzi, fl-ammont ta' elf, mitejn u sitta u erbgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,246.95) u kiser il-kundizzjonijiet lokatizji;

3. Illi dan id-debitu hu ċert, likwidu u dovut u li *inoltre*, peress li l-konvenut baqa' moruż fil-ħlas tal-kera huwa naqas milli jeżegwixxi l-obbligi lokatizji tiegħu;

4. Illi minkejja li ġie nterpellat kemm bil-fomm u anke bil-miktub (Dok. A) sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, l-konvenut baqa' inadempjenti;

5. Illi għalhekk l-istanti kellhom jipproċedu b'din il-kawża u sa fejn jafu l-esponenti l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti f'din il-kawża;

Illi r-raġuni tat-talba hi li filwaqt li l-konvenut baqa' moruż fil-ħlas tal-kera fl-ammont sopra-indikat ta' elf, mitejn u sitta u erbgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,246.95), il-konvenut tilef il-jeddijiet lokatizji tiegħu u għalhekk l-istanti qegħdin jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenut li għandu wkoll jiġi kundannat iħallas is-somma minnu dovuta *in linea* ta' kera, liema debitu hu ċert, likwidu u dovut u peress li jirrikorru l-elementi meħtieġa *ai termini* ta' l-Artiklu 167 *et seq* tal-Kapitlu 12, l-istanti jitolbu li din il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:

1. Tisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' l-Artiklu 167 *et seq* tal-Kapitlu 12;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jiżgombra mill-appartamenti numru wieħed (1) u tnejn (2) fil-fond erbgħa

u sebgħin (74) fi Triq il-Merkanti, Valletta u dan *entro* terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss;

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u sitta u erbgħin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,246.95) *in linea* ta' kera tal-fond *de quo*.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-20 ta' Marzu, 2008 (Dok. A) u ta' l-ittra uffiċċjali fl-istess ismijiet ippreżentata nhar il-25 ta' Awissu, 2008 kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi l-intimat debitament notifikat deher għas-seduta tat-3 ta' Novembru, 2008 iżda rrifjuta li jixhed billi ma kienx preżenti l-avukat tiegħu.

Semgħet lir-rikorrent Oreste Spiteri.

**Il-Qorti għalhekk tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**Spejjeż a kariku ta' l-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------